7 ta' Ottubru, 1954
Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.
Joseph Cost Chretien pr. et ne. *versus* Edward Rizzo

**Assoċjazzjoni in Parteċipazzjoni — Xoljiment Qabel iż-Żmien.**

*Meta assoċjazzjoni in parteċipazzjoni tiġi kostitwita għal operazzjoni singola u tiġi xjolta qabel it-tmiem ta' l-affari bil-kunsens komuni ta' l-assoċjati, u l-impriża titkompla u tiġi konkjuża minn wieħed mill-assoċjati waħdu, ma jistax jiġi ritenut li l-assoċjat li ma kompliex fiehu parti fl-impriża jibqa' responsabili, fin-nuqqas ta' ftehim espress, għall-perditi ta' l-impriża fiż-żmien posterjuri għax-xoljiment; kif ma jistax jitqies li dak l-assoċjat jista' jkollu xi dritt għall-eventwali profitti li tista' tħalli l-impriża wara x-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-kontendenti kienu assoċjati fl-impriża tal-Pellegrinaġġ Nazzjonali għal Fatima; li huwa ħareġ il-kapitali meħtieġa u l-konvenut ikkonferixxa l-ħila tiegħu; li wara t-terminazzjoni ta' dina l-assoċjazzjoni ma sarux bejn il-kontendenti l-kontijiet relativi għall-imsemmija impriża; illi skond il-prospett anness ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi f'din l-impriża kien hemm perdita rilevanti, ammontanti għal £1059. 9. 6; u li l-konvenut minn dawn il-perditi għadu ma kkontribwiex sehmu, ammontanti għal nofs l-imsemmi ammont; talab, jekk hemm bżonn, il-likwidazzjoni ta' l-imsemmija assoċjazzjoni, (1) li jsiru l-kontijiet repriproċi relativi għall-imsemmija impriża, u (2) li jkun dikjarat illi r-rendikont minnu prodott huwa ġust u korrett, u konsegwentement li l-konvenut ikun kundannat iħallas lilu s-somma ta' £429. 14. 9. jew verjuri ammont ieħor, bħala sehmu fil-komparteċipazzjoni tal-perditi, ammont li s'issa jinsab kollu a kariku ta' l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fil-fatt;

Illi fl-ewwel xhur tas-sena 1948 il-kontendenti ġew inkarikati *flimkien* mill-Kumitat tal-Kroċjata tar-Rużarju sabiex jieħdu ħsieb jorganizzaw pellegrinaġġ għal Fatima; u għall-finijiet ta' din l-impriża ikkostitwew bejniethom assoċjazzjoni in parteċipazzjoni li fiha l-attur kien l-assoċjat, ossija s-so-

ċju dormjenti, u l-konvenut kien l-assoċjant, ossija s-soċju pależi;

Illi f'Lulju ta' l-istess sena, meta l-pellegrinaġġ li kien qiegħed jiġi organizzat kien għadu ma telaqx minn Malta, il-kontendenti, in segwitu għal tilwim bejniethom, iddeċidew li jxolju l-assoċjazzjoni li kienu ikkostitwew għall-finijiet ta' l-impriża ta' l-imsemmi pellegrinaġġ, u bil-kunsens ta' l-imsemmi kumitat il-konvenut irriżenja mill-istess impriża u l-attur assumiha u kompliha waħdu;

Ikkunsidrat, fid-dritt;

Illi l-assoċjazzjoni fuq riferita ġiet kostitwita għal operazzjoni singola — l-organizzazzjoni tal-pellegrinaġġ fuq imsemmi u l-kompiment feliċi tiegħu; u ġiet xjolta qabel it-tmiem ta' l-affari;

Illi l-attur qiegħed jippretendi li l-konvenut għandu jikkontribwixxi sehmu mill-perditi li rriżultaw posterjorment għar-riżoluzzjoni ta' l-assoċjazzjoni, meta kkonkludiet ruħha l-impriża taħt id-direzzjoni esklużiva ta' l-istess attur;

Illi, *fin-nuqqas ta' ftehim espress*, ma jistax jiġi ritenut li l-konvenut għandu jitqies li baqa' responsabili għall-kontribuzzjoni ta' sehmu mill-eventwali perditi ta' l-impriża għażżmien ta' meta ġiet kontinwata u kompita mill-attur waħdu. F'dan iż-żmien il-konvenut ma kienx assoċjat, għaliex assoċjazzjoni ma kienx hemm, billi kienet spiċċat b'deliberazzjoni konkordi tal-kontendenti. Kif sewwa ssottometta l-perit, sabiex wieħed ikun jista' jassumi, ukoll għal mument biss, l-eżistenza ta' obligu simili fil-konvenut, wieħed irid jippreżumi wkoll, *bħala korollarju indispensabili*, l-*eżistenza* tal-korrispondenti dritt tiegħu fil-qsim tal-gwadanji. L-esklużjoni ta' dana d-dritt, għalhekk, għandha ġġib magħha neċessarjament l-esklużjoni ta' dak l-obligu. Issa, mhux konċepibili illi l-konvenut seta' baqa' jikkonserva favur tiegħu nnifsu illi jaqsam ma' l-attur l-eventwali qligħ ta' l-impriża. Dak id-dritt tilfu appena ma baqgħax jippresta s-serviġi u l-esperjenza tiegħu bħala assoċjat f'dik l-impriża; liema serviġi u esperjenza

kienu jikkostitwixxu l-konferiment tiegħu fl-assoċjazzjoni in kwistjoni. Għalhekk, lanqas ma jista' jingħad illi l-konvenut seta' baqa' responsabili għall-komparteċipazzjoni fil-perditi li talvolta rriżultaw;

Illi mill-provi li għalihom saret riferenza — dawk riżultanti mill-kawżi ndikati fl-elenku tad-dokumenti tal-konvenut — jirriżulta illi l-attur, x'ħin aċċetta li jieħu f'idejh wahdu l-impriża, bl-isperanza, indubbjament, li jirrikava xi utili minnha, ma kellux f'moħħu li jirrigala xi parti mill-eventwali gwadanji lill-konvenut; u minn naħa l-oħra jidher ugwalment evidenti illi l-konvenut ma setax ried ikompli jissoġġjaċi għall-obligu li jipparteċipa mill-perditi, meta, kostrett miċ-ċirkustanzi, abbanduna l-impriża f'idejn l-attur, illi "ex admissis" kien inespert għal kollox fil-materja. Kif sewwa ssottometta l-perit, għandu għalhekk jingħad illi bix-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni, u bl-assunzjoni f'idejn l-attur ta' l-impriża li kienet tifforma l-oġġett ta' dik l-assoċjazzjoni, il-konvenut svesta ruħu minn kwalunkwe dritt għal sehmu mill-profitti, u fl-istess ħin gie eżonerat minn kwalunkwe responsabilità għall-perditi;

Illi, kif sewwa wkoll issottometta l-perit, dan jirriżulta assodat mill-korrispondenza li ġiet skambjata bejn il-kontendenti immedjatament wara li nfirdu minn xulxin................
U difatti l-konvenut, fost affarijiet oħra, kiteb lill-attur.........
L-attur, b'riferenza għal din il-parti ta' l-ittra tal-konvenut, irrisponda......... Kif sewwa ssottometta l-perit, "il-kontendenti sostanzjalment kienu qegħdin jaqblu; il-konvenut ma riedx ikollu x'jaqsam iżjed ma' l-impriża, u ried jeżonera ruħu minn kull responsabilità għall-quddiem; l-attur ma riedx jeżoneraħ mir-responsabilitajiet li seta' nkorra fihom fl-imgħoddi. Mill-bqija ma hemm ebda aċċenn illi l-konvenut kellu jżomm xi dritt, jew illi kellu jibqa' jerfa xi parti mill-piż tat-telf. Id-dritt illi l-attur jirriżerva favur tiegħu kien sempliċement dak li jfittex lill-konvenut, evidentement in linea ta' danni, għall-azzjonijiet u irregolaritajiet tiegħu dment illi kien għadu fi ħdan l-assoċjazzjoni. Dan id-dritt, li l-attur kellu l-jedd kollu li jirriżerva favur tiegħu, iżda illi jeżula għal kollox mill-meritu ta' dina l-kawża, huwa fil-fatt diġà eżerċitaħ fil-konfront tal-konvenut bl-istanza definita bis-sentenza

ta' dina l-Qorti tat-8 ta' Ottubru 1953, ġa fuq riferita;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi d-domandi ta' l-attur bħala infondati; bl-ispejjeż kontra l-istess attur.